MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2008

Numru 562/2008

**Il-Pulizija
Sp Raymond Cassar
vs
Abdul Baset Dabia**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Abdul Baset Dabia ta’ 38 sena iben Mohammed u Mabrouka nee’ Bindaw mwieled Libja fil-5 ta’ Jannar 1969, ID 19563A u prezentament residenti fil-Facilita Korrettiva ta’ Kordin.**

**Akkuzat talli fl-20 ta’ Novembru 2007 biejn is-7.00pm u 9.00pm f’Misrah Mattia Preti Zurrieq kkommetta serq ta’ apparat tal-hi-fi minn vetura tat-tip Transit bin-numru tar-registrazzjoni GMY 054 ghad-dannu ta’ Guseppe Bugeja, liema serq huwa aggravat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.**

**U iktar talli fl-istess data, f'hinijiet differenti f'dawn il-Gzejjer xjentement laqa' ghandu u jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom u cioe apparat tal-hi-fi tad-ditta Blankpunt.**

**U iktar talli sar ricediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija minn Qrati differenti, liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet hlief ghat-tieni wahda li hija alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni. Stante l-ammissjoni ta' l-imputat, l-ewwel u t-tielet imputazzjoni gew ppruvati skond il-ligi.**

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 49 u 50, 261 (f) (g), 270, 271 (a) u 281 (b) tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh, jigifieri ta' l-ewwel u tat-tielet biss izda mhix tiehu konjizzjoni din il-Qorti tat-tieni imputazzjoni ghaliex hija biss alternattiva ghall-ewwel wahda. Il-Qorti hija u tiddeciedi dwar il-piena, qieset li l-imputat kkopera mill-ewwel mal-pulizija u ghal hekk jidrilha illi f'dan il-kaz ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' 10 xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------